# *LINJI ĠODDA*

# – KUMMENTARJI

**Mario Azzopardi**

## I L-INKWINA TAŻ-ŻMIEN

Għall-poeta modern, l-idea ta' Alla hija ta' spiss l-idea tal-Ġukatur Divin, l-Esseri misterjuż mingħajr żmien u spazju li r-riżorsi tiegħu huma bla tarf. Il-Ġukatur Divin huwa dik l-istess Essenza li toħloq ir-ritmi kożmiċi mingħajr waqfien; huwa l-istess bidu-u-tmiem ta' pjaneti bla għadd ta' galassi li maġenbhom l-eżistenza temporali tal-bniedem mhix ħlief mument assurd.

Il-bniedem żviluppa kuxjenza li tagħraf illi ż-Żmien huwa biss dimensjoni ta' eżistenza mill-iktar misterjuża u li dan joħloq l-isfond tal-metafiżika, i.e. ir-relazzjoni tal-Bniedem maż-Żmien, mal-Kożmos, ma' l-Esseri Divin, ma' l-Astratt. Il-kuxjenza tal-bniedem modern saret waħda aktar "xjentifika", u dan il-fenomenu, minħabba edukazzjoni u riċerki aktar assidwi, intebhu bih ukoll il-poeti moderni Maltin. Ġiet skoperta r-rabta bejn il-poeżija u x-xjenza, iżda l-moħħ kreattiv baqa' f'konflitt mal-misteru tremend tat-traxxendenza. Inbdiet tellieqa tal-moħħ maż-Żmien: l-artist modern, il-poeta kontemporanju, beda ġirja nervuża biex ifittex xi sens fl-eżistenza (relattivament qasira ħafna) tiegħu fid-dinja, jew imqar fl-univers. Il-kriżi nħolqot sewwasew għaliex il-possibiltajiet ta' moħħ il-poeta jinfirxu ferm aktar 'il bogħod mill-medja tal-limitazzjoni mundana tal-għajxien tal-bniedem.

Il-poeta jaf li bejn l-eżistenza *materjali* u l-eżistenza *spiritwali* hemm qasma tremenda; hemm kontradizzjoni bejn dak li huwa *fiżiku* u dak li huwa *idealizzat*; bejn dak li huwa *reali* u dak li huwa tant *misterjuż*. Għalhekk hemm ħarba kbira, tellieqa dinamika, enerġija tremenda fil-moħħ kreattiv biex ikun "sfidat" l-element taż-Żmien.

L-unika rassenjazzjoni għall-bniedem kreattiv hija li jista' jipprova jagħti *sens metafiżiku* lid-dettalji komuni. Issa dan is-sens metafiżiku lill-oġġetti jrid jinbeda kemm-il darba tinbidel il-kuxjenza tal-Jien. Il-poeta jipprova jfittex Jien li jassorbi l-misteri tar-relazzjoni bejn dak li huwa transitorju (li jgħaddi, li jinbidel, li jmut) u dak li huwa Etern. Minn xi daqqiet, il-moħħ kreattiv jaċċetta telfa, għaliex mill-għerien profondi tal-Jien ma tasal l-ebda konklużjoni fissa dwar il-misteru ta' l-Eżistenza.

Il-poeżiji f'din it-taqsima jeħtieġ li jkunu nkwadrati fuq dan l-isfond, li jieħu dimensjoni usa' jekk il-qarrej jirrelata dawn il-poeżiji mat-teoriji ta' Darwin u Einstein.[1]

1. *It-Teorija tar-Relattività* (1905) ta' Einstein tirreferi għall-fatt li ċ-ċaqliq kollu fil-kożmos (minbarra l-veloċità tad-dawl) huwa strettament relattiv; f'univers ta' mutazzjoni kontinwa, l-ebda punt ma jista' jkun iffissat f'post u żmien mnejn l-avvenimenti jistgħu jitqiesu b'mod assolut. Dan jimplika li mqar il-bniedem huwa sempliċi ko-ordinu tad-dawl, jew massa enerġetika mingħajr ċentralità.

Fil-poeżija *Fuga* ta' Oliver Friggieri, il-maħrub, l-imbażżà' ma jistax jasal fis-saltna tal-paċi tar-ruħ. Il-bniedem jidħol fih innifsu u jisfa umiljat mill-biża' tal-Ġukatur Anonimu, il-Ġukatur Divin. Friggieri jqis illi, wara kollox, il-Jien l-ieħor, ("sabiħ u ħieles") se jintradam taħt "id-dħaħen tqal li jsewdu kollox."

Ir-rassenjazzjoni ta' Victor Fenech fil-poeżija *Xmara Ħamra, Bruka Xiħa* hija aktar definita; hawn jinħoloq speċi ta' kwadru *still-life* minn problematika metafiżika tremenda. Hemm insistenza fuq id-demm, bħallikieku l-poeta nixxa demmu kollu fl-agunija biex jipprova jifhem ir-relazzjoni bejn dak li jgħaddi u dak li huwa Etern. Il-ħut ukoll, simbolu tal-primordjalità ta' l-ilma, huwa aħmar, bħallikieku sa mill-bidu ta' l-evoluzzjoni tiegħu (mill-ilma) il-Bniedem kien diġà kundannat li jgħix perijodu limitat ħafna ta' żmien. Matul din l-agunija, in-natura tibqa' passiva.[2]

B'vokabularju wisq aktar esplussiv u xjentifiku, Achille Mizzi joħloq speċi ta' 'Ktieb tal-Ġenesi' konċiż fil-poeżija tiegħu *Dawl*. Mit-"traba ċkejkna" li tissemma fl-ewwel strofa, tnissel il-bniedem fit-tieni strofa, dak l-istess bniedem li jitwieled f'għadira demm biex imbagħad jintebaħ li jkollu jmut. B'danakollu, Mizzi xorta waħda jiċċelebra l-avvent ta' l-intelliġenza superjuri tal-Bniedem, "id-dawl ta' kewkba ġdida."[3] Il-Professur Serracino Inglott jinnota li l-ewwel poeżiji ta' Achille Mizzi deħru miġburin taħt it-titlu *L-Għar ta' l-Enimmi*: l-Għar huwa l-Eżistenza nfisha, il-Poeżija. L-għar jista' jfisser ukoll il-ġuf, metafora rikorrenti fil-kitba ta' dan il-poeta.

Metafora oħra għall-ġuf bħala l-fosdqa ta' l-innoċenza jużaha Albert Marshall fil-poeżija *Papoċċi*. L-innoċenza romantika tal-fjura tal-papoċċa tintlemaħ tgħum fiż-żejt, sinjal li mal-passaġġ taż-żmien l-innoċenza u l-imħabba jittebbgħu u jmutu. Is-sens tal-katastrofi jevokah ukoll Raymond Mahoney, li jistqarr li "ż-żgħożija...mhux ta' min igħixha", sewwasew għaliex tilludik, "ittul ftit sigħat" biss. Mahoney joqtol il-ħajja tal-bieraħ u jisħet il-pitgħada: isib sabar biss fil-ħsieb li "għada l-Ħadd tal-mistrieħ." Il-kelma *mistrieħ* hija kelma ta' qofol, għaliex turi l-għeja ta' l-adolexxenti li diġà sewwed qalbu u qata' jiesu middilemma ta' l-eżistenza limitata fil-konfront ta' l-immensità eterna.

L-ekwivalent għall-kelma *il-Ħadd* (tal-mistrieħ) f'Mahoney huwa "s-siparju" li jsemmi Charles Coleiro f'*Janus Miljard*. Janus kien l-alla ruman b'żewġt uċuħ. Fil-passaġġ taż-żmien, il-poeżija tieħu żewġ estremi: *il-pjaċir tas-sensi* u *l-kastig*. Coleiro jinqabad f'konfużjoni u jitlob l-għajnuna, filwaqt li jaf li "għada" se terġa' tibda t-taqbida. Dan huwa "kwadru ieħor tal-bniedem ittorturat fuq l-inkwina taż-żmien fil-mument tad-deċiżjoni."[4]

2. Hija passività li tfakkarna fil-*Yin* tal-kultura Ċiniża qadima mibnija fuq il-ħsieb ta' Lao Tzu; il-*Yin* hija forza femminili, l-art-mara misterjuża invokata wkoll fil-ħsieb Jungjan dwar l-arċitipi ewlenin. Hemm diversi motivi arċitipali fil-poeżija ta' wħud bħal Azzopardi, Massa, u Mizzi nnifsu.

3. *Id-dawl* jista' jkun qiegħed jirreferi wkoll għall-avvent Kristjan. Għalkemm tista' tinħass irriverenti ma' l-ewwel daqqa t'għajn, il-poeżija tal-modernisti lokali qatt mhi mbiegħda mill-essenza Kristoloġika.

4. L-indeċiżjoni hija l-effett ta' sensiela ta' kumplessi u kriżijiet li nisslu għalihom infushom il-modernisti minħabba li nnegaw l-ortodossija komda tar-reliġjon, il-konvenzjoni patrijottika u d-dekadenza tal-valuri estetiċi.

B'kuntrast, *L-Għanja tal-Ħajja,* Achille Mizzi jassumi l-parti ta' profeta, distinzjoni ta' esperjenza straordinarja mnebbha b'qawwa supra-umana. Meta jikkuntempla d-dinja fil-prospettiva taż-żmien, Mizzi jikkonkludi li mill-kaos tnisslet l-ordni, mill-għeruq tnissel il-beraħ; mill-mewt (ta' ċerti speċi) tnisslet il-ħajja. It-ton huwa wieħed ta' litanija, wieħed ta' tkomplija, radda ta' ħsibijiet wieħed wara l-ieħor iżda mingħajr ċentru. *Il-kriżi tal-Jien* jew *il-kriżi ta' l-Identità* nistgħu ngħidu li lanqas m'għandha ċentru: l-individwu, minħabba l-insistenza fuq l-inkonxju, isir frammentat u kaotiku, għalkemm xorta waħda jibqa' jfittex ċerta unità ekwilibrata. *L-Għanja tal-Ħajja* teżemplarizza "il-kuxjenza akuta taż-żmien...fl-eżistenza tal-bniedem tal-lum."

It-taqsima *L-Inkwina taż-Żmien* tirrifletti tqanqil dinamiku u xbihat fermentati: minħabba f'hekk, mill-inqas żewġ poeti (Fenech u Coleiro) jesperimentaw bil-vers projettiv f'tentattiv biex it-tensjoni psikika tagħhom jirriflettuha fuq il-karta stampata, b'arranġament ta' spazji vojta, donnhom jixxennqu biex joħolqu ċerta ordni mill-ambigwità ta' l-eżistenza moderna.

## II IL-JIEN TAĦT IL-MARTELL

Il-kittieb Franċiż Albert Camus, fir-rumanz tiegħu *Ir-Ribell* (1951) sostna li r-ribelljoni hija waħda mill-iktar dimensjonijiet essenzjali fil-bniedem. Skond Camus, ir-ribell iwassal għal-libertà u għaldaqstant għall-att ta' l-eroj.[5] Minbarra Camus, kienu bosta l-ħassieba li kkonċentraw fuq ir-ribelljoni *interna* fil-Bniedem.

Descartes (1596-1650) kien diġà qasam l-idea ta' l-esperjenza fil-bniedem fi tnejn: (a) ir-*res extensa* u (b) ir-*res cogitans.* Ir-*res extensa* hija d-dinja tal-materja, id-dinja esterna jew universali kkontrollata mill-forza tar-regoli matematiċi. Ir-*res cogitans* hija d-dinja ġewwiena tal-bniedem, id-dinja fejn jaħkmu l-kumplessi, l-impressjonijiet, is-sensibiltajiet u l-memorji. Din id-dinja ġewwiena hija konfuża u, skond Descartes, "imperfetta", għaliex hija aġitata ħafna.

Scopenhauer (1788-1860) fisser kif *l-Innifsi* huwa kontinwament f'kunflitt mad-dinja ta' barra *(res extensa).* Il-bniedem "joħloq id-dinja huwa stess, skond l-idea tiegħu, skond ma tgħidlu r-rieda tiegħu."

Nietzsche (1844-1900), magħruf bħala l-appostlu tal-ħelsien totali, inkluż il-ħelsien mill-idea "oppressiva" ta' Alla, sostna li l-bniedem għandu l-fakultà u l-jedd li jaġixxi b'rieda kreattiva mingħajr kundizzjoni.

Aktar qrib tagħna, awturi bħal Samuel Beckett (twieled fl-1906) ipproponew li l-bniedem għandu l-jedd għall-*Innifsi Anonimu* (Anonymous Self). Fix-xogħlijiet ta' Beckett, miktubin mingħajr paragrafi u mingħajr punteġġjatura, niltaqgħu ma' stat avvanzat ta' *entropija,* stat fejn taħkem il-mewt ta' l-enerġija. L-entropija fil-letteratura moderna hija riflessa wkoll fix-xogħol importanti ta' Thomas Pynchon, V (1963), rumanz li jħabbar l-avvent tal-poeta modern f'Malta

5. Jew l-anti-eroj, ladarba l-protagonist jeħodha daqstant kontra l-forzi li għamluh dak li hu. L-anti-eroj huwa komuni fil-letteratura ta' das-seklu u f'Malta ngħata prominenza mhux biss fil-poeżija iżda wkoll fir-rumanzi ta' Frans Sammut, Alfred Sant u Oliver Friggieri.

ta' wara l-Gwerra.[6] Hija sintomu frekwenti. L-entropija skond Beckett jew Pynchon turi lill-bniedem maqtugħ mir-*res extensa,* "ifittex ir-realtajiet reqdin tal-kuxjenza tiegħu."

Dawn it-teoriji kollha ħallew marka ċara fuq il-ġenerazzjoni tal-poeti modernisti f'Malta. Huma l-ewwel infexxew fil-polemika kontra l-forzi esterni ta' *Ordni Stabbilit* u, fil-proċess, bdew jinvestigaw lilhom innifishom internament. Bdew ifittxu r-*res cogitans.*[7]

F'Malta, l-instabbilità tal-poeti modernisti kienet kawżata mill-kriżi ta' l-identità. Il-poeta beda jistaqsi: Jien min jien? Inħolqu dubji serji minħabba l-kriżi soċjali riflessa fil-politika, fir-reliġjon u fil-letteratura l-qadima ta' l-iskola ta' Dun Karm.

Il-polemika ħadet bħala spunti t-tliet komponenti l-iktar ovvji ta' l-*establishment: politika, reliġjon u arti.* Poeti bħal Mario Azzopardi, Albert Marshall u Victor Fenech kienu l-aktar ribelli ħarxa f'dan il-kuntest. Azzopardi, fil-poeżija *Sitwazzjoni 10 battal,* juża l-*projective verse* biex joħloq ix-xbiha tal-Jien fuq il-palk, marsus bejn suldat, qassis u tfajla-kantanta kummerċjali.

Il-Professur P. Serracino Inglott jinnota kuntrast enormi bejn l-ewwel u t-tieni ġenerazzjoni ta' poeti Maltin, l-iktar f'dik li hija kriżi ta' l-identità:
- *it-tradizzjonalisti* dehru li aċċettaw il-qagħda politika ta' Malta kolonja, aċċettaw il-knisja kattolika mingħajr riservi ta' xejn u aċċettaw letteratura mmudellata fuq il-qadim.[8]
-*il-modernisti* ħolqu kriżi ta' l-identità, l-aktar wara l-Indipendenza ta' l-1964.

It-telfien ta' ċertezza fil-kamp tal-modernisti ħoloq djalogu intern bejn l-*Innifsi Maqsum* (The Divided Self). Bdew jidhru influwenzi ċari minn Freud u Jung. Il-Jien ma baqax meqjus bħala sustanza sħiħa, iżda sar frammentat u mkisser, kif jixhed ukoll l-istil mingħajr punteġġjatura f'uħud mill-poeti ta' l-avangwardja. Il-moderni rriflettew dan l-istat nervuż u mitluf imqar billi kissru s-sintassi u l-grammatika apposta, kif għamel Albert Marshall fil-poeżija*Duende*: *imma lili/għada se jmut*

Dan l-iskwilibriju intern ifakkarna wkoll f'dak li qal R.D. Laing dwar l-*Egoic Experience:* din l-esperjenza tixbah lil "a state of inner sleep, a kind of socially accepted madness, a womb-state to which one has to die, from which one has to be born."

Fil-fatt, ir-ritorn lejn il-ġuf huwa simbolu spiss fil-poeżija tal-modernisti. Achille Mizzi huwa mxennaq għall-primittiv, għall-ilma (it-tarbija fil-ġuf hija protetta mill-ilma) li minnu, skond Darwin, tnissel il-bniedem. Mizzi jirreferi wkoll "għall-vaska tal-moħħ", metafora interjuri oħra tar-*res cogitans (Enigma Variations).*

---

6. Pynchon kien għamel żmien jaħdem fl-aeronawtika ma' l-Alleati f'Malta fi żmien il-gwerra. Minbarra referenzi korsivi għal dan l-awtur li saru minn P. Serracino Inglott, Frans Sammut u Mario Azzopardi f'xogħlijiet ta' kritika komparattiva, ir-rumanz v ta' Pynchon għadu ma kienx ittrattat analitikament f'Malta. Il-protagonista Fawsto Majistral, poeta, jantiċipa l-moviment tal-modernisti f'Malta mill-inqas b'għoxrin sena.
7. Il-vjaġġ interjuri jinħass fl-apiċi tiegħu f'*Tabernakli* (1979) ta' Mario Azzopardi.
8. Il-mudelli prosodiċi kienu esklużivament Taljani, imfasslin fuq motivi pindariċi u apostrofiċi mill-ottocento. Rużar Briffa aktarx li kien l-uniku poeta liriku li nqata' mill-boton ta' madwar Dun Karm.

Il-frak tal-Jien fil-kuntest modern huwa sostnut b'ċerta insistenza minn Oliver Friġġieri fil-poeżija *La Jċedi*. Il-ħoss tad-djalogu ġewwieni huwa ċar ħafna fil-mod ta' "dillierju" li bih Friggieri jiddeskrivi r-"reġiment suldati mwerwra" li hemm iħabbtu ġewwa fih:

*Ġo fija hemm reġiment suldati mwerwra*
*resqin lejn il-fruntiera ta' l-egħdewwa,*
*iħabbtu bla programm fuq tnabar goffi...*

Il-kontradizzjoni li joħloq il-kunflitt f'moħħ il-poeta jfissirha tajjeb Philip Sciberras, li jqanqal l-ispirtu ta' l-oppożizzjoni Jien-Huma. L-ossessjoni għall-oppost, għall-polemika soċjo-reliġjuża hija ċara fil-poeżija *L-Oppost:*

*Dak li jħobb ħaddieħor jien nobgħod*
*Dak li jobgħod ħaddieħor jien inħobb*
*u ma tiġini l-ebda għira*
*jekk nisfa waħdi fuq ġżiriti,*
*Għalhekk twelidt jien.*[9]

L-istess diffikultà fil-komunikazzjoni toħroġ mill-poeżija *Nistaqsi* ta' Bernard Mallia, ġiżwita. Huwa importanti li l-qarrej jinnota x'baħar jaqsam hemm bejn Dun Karm il-qassis u qassis ieħor poeta li qed jikteb fis-sittinijiet. F'Dun Karm mhemmx kriżi, iżda Mallia l-ġiżwita jokrob biex il-"jien" isir "aħna". U meta ma jirnexxilux, jitfarrak:

*Jien tlaqt lil hinn*
*mirkub mill-marda tagħhom li mewtitli*
*sa x-xewqa li nistaqsi*
*fehmux jew le.*

Tant hija profonda l-kriżi tal-Jien fil-modernisti, li Daniel Massa (f'*Kaċċa)* saħansitra jħoss illi l-imħabba tiegħu għall-mara ta' ħajtu hija ppersegwitata mill-oħrajn. L-imħabba tiegħu ssir aggressiva (l-*animus maskil*) iżda wkoll ossessjonata bil-ġenn ta' xbihat ta' l-Oħrajn lesti li jiddistruġġulu l-imħabba bl-*azzarini ta' b'ħamsa.* U l-kaċċaturi qegħdin jimmiraw sewwasew għal moħħu, il-lok tal-kuxjenza, jew tar-*res cogitans.* Ta' min japplika dan il-kliem ta' R.D. Laing għall-ossessjoni interna tal-modernisti:

> *(The poet) may feel more insubstantial than substantial, and unable to assume that the stuff he is made of is genuine, good, valuable. And he may feel his Self as divorced from his body.*

## III JIEN U INT – RAĠEL U MARA

Fid-daħla tiegħu għal din it-taqsima, il-Professur P. Serracino Inglott igħid il-

9. Ta' min jinnota li diversi ilħna letterarji mis-sittinijiet sabu posthom bħala membri parlamentari jew konsulenti fl-iskaluni għolja tal-ġerarkija politika (Philip Sciberras innifsu, Albert Marshall – li llum jinsab emigrat – u oħrajn bħal Lino Spiteri, Alfred Sant u Raymond Mahoney).Anton Buttigieg, rappreżentat fit-Taqsima *Intermoż,* minbarra li kien l-uniku leħen mill-iskola romantika li baqa' attiv letterarjament, miet bħala ex-President tar-Repubblika. Poeti oħrajn bħal Azzopardi u Mizzi dehru li ma setgħu jappartjenu lill-ebda blokk politiku minħabba sens qawwi ta' individwalità filwaqt li Oliver Friggieri ħoloq għalih innifsu l-laqam ta' "pinnur favur il-verità" li ma jridx jiċċappas bit-tribaliżmu Malti.

li l-idea tradizzjonali ta' l-imħabba fil-poeżija hija aktarx dejjem marbuta ma' l-idea ta' "versi miktuba fiż-żgħożija lin-namrata." Il-kritiku jsostni illi fis-seklu 20, il-poeżija dwar ir-relazzjonijiet bejn is-sessi tneżżgħet miċ-ċpar romantiku u bdiet tkun ikkunsidrata fil-kumpless tal-kwadru kkumplikat tal-Jien. Fil-poeżija modernista, qed isir tfittix biex il-persuna tas-sess l-ieħor f'relazzjoni intima tik-kumplimenta l-ispirtu mqalleb li qed ifittex il-mistrieħ. Dan jista' jkun mistrieħ spiritwali jew artistiku, element ta' sublimazzjoni.[10]

F'dan is-sens, il-poeta modern jista' jitqarreb ukoll lejn l-essenza ta' kulti qodma orjentali, bħal dawk tal-*Yin* (Mara) u l-*Yang* (Raġel) bħala forzi kumplimentari fil-kożmos. Ir-relazzjoni Raġel-Mara fil-poeżija moderna ħafna drabi tittraxxendi (tmur 'il bogħod minn dak li huwa materjali jew fiżiku). Il-poeta jfittex il-Mara bħala l-*anima* Jungjana, u l-poetessa tfittex lir-Raġel bħala l-*animus*.

Minħabba li t-tiftix huwa persunali, il-poeżija moderna, imqar dik dwar l-imħabba, mhi "popolari" xejn: bħal temi oħra, l-imħabba hija ttrattata b'mod kumpless, profond, psikoloġiku u spiritwali. U minħabba li t-tiftix huwa kkumplikat, ħafna drabi l-poeta jkollu jistqarr l-istat ta' l-indeċiżjoni tiegħu, l-istess kif jagħmel Victor Fenech fiż-żewġ poeżiji *Indeċiżjoni* u *Fuq is-Sur ta' l-Imdina.* Fl-ewwel poeżija, l-istat ta' kriżi huwa ċar – il-poeta ma jafx jekk għandux ikompli t-tfittxija għall-verità waħdu jew inkella jintrabatx mal-persuna li (jaħseb li) jħobb biex tikkumplimentah bħala l-vuċi tar-ruħ. Għalkemm jinħoloq mument spiritwali fil-ftuħ tat-tieni poeżija:

int u jien/u l-ispirtu tal-ħolqien

Fenech xorta waħda jispiċċa biex jesprimi l-illużjoni ta' l-imħabba: is-siegħa ta' l-imħabba donnha tgħaddi malajr wisq u titlef it-tifsir kollu tagħha meta titqabbel mar-realtà tat-tbiċċir fil-gwerra tal-Vjetnam.[11]

Il-poeta modern jevoka wkoll lill-maħbuba meta din ma tkunx preżenti. Din il-burdata stramba s-simbolista Franċiż Paul Elouard sejħilha "l-armonija ta' l-assenza." Mario Azzopardi jittieħed ta' spiss minn din il-burdata, bħallikieku jistrieħ biss meta jiftakar fil-maħbuba bħala memorja. Ħafna esperjenzi huma 'sbieħ bħala memorji, tifkiriet mingħajr l-irbit li ġġib relazzjoni li trid titkompla għal żmien twil. Il-poeżija *Baħrija* toqgħod f'dan il-kuntest ta' poeżija amoruża li tarmonizza s-sens ta' assenza. B'stil kważi ritwalistiku (stil li mbagħad kellu jsib il-milja tiegħu fil-ktieb *Tabernakli* fl-1979) Azzopardi jitkellem fuq *It-Tfajla tal-Muntanja* b'ton spiritwali. Skond P. Serracino Inglott, din il-poeżija "toffri figura ta' paċi kożmika", u ssir simbolu li jinqafel f'"ġebla", metafora li tfisser il-petrifikazzjoni tal-ħajja, iffissata għal dejjem f'mument biex ma tiċċaqlaqx aktar.

10. Dan id-disinn arċitipali tal-Mara huwa qadim; il-Griegi kienu diġà raw lill-Mara-Alla mhux bħala personalizzata, iżda bħala forza fin-Natura, jew spirtu aġitattiv jopera fid-dinja.

11. Il-modernisti ppreokkupaw ruħhom bl-aħbar internazzjonali kontemporanja, aspett li kompla universalizza t-tema tagħhom. Mal-kriżijiet interjuri tagħhom, il-modernisti żiedu wkoll kumplessi ta' kuxjenza dinjija, bil-konsegwenza li l-poeta politiċizzat beda jikkuntrasta mal-poeta privat. Din id-dikotomija ħolqot kontroversja bejn il-poeti nnifishom, polemika li dehret fil-miftuħ fil-bidu ta' l-1977 meta Azzopardi, Massa u O. Friggieri daħlu f'argument bejniethom dwar "l-eroj pożittiv" u "l-eroj problematiku" (Ara *il-Mument,* Frar, 1977)

Is-sens ta' dubju u inċertezza dwar komunikazzjoni intima joħroġ ukoll fil-poeżija *Jekk Fhimtek Sewwa* ta' Joe Friggieri. Din hi poeżija li titkellem dwar tmiem ta' relazzjoni li l-poeta għadu ma jafx sewwasew għaliex ser tintemm, u għaldaqstant jassumi ton passiv, kważi plaċidu u assurd.[12] Friggieri donnu jirrassenja ruħu għall-idea skomda tal-kundanna fil-ħabs tal-Jien, mingħajr ħadd ma jista' jsabbru fid-deżolament tiegħu, lanqas Mara.

Il-waqt essenzjali u mistiku ta' l-imħabba jerġa' jinħass fil-poeżija *L-Aħħar Borra* ta' Daniel Massa, iżda d-dubju jerġa' jitfa' dell oskur fuq ir-relazzjoni bejnu u bejn dik li jħobb. Wieħed jinnota li Massa juża l-kelma "jekk..." mhux inqas minn tliet darbiet f'poeżija ta' sittax-il vers qasir. L-istennija mistika (għall-*anima*) hija twila u l-poeta lest jistenna "seklu ta' mwiet", fi klima kiesħa ta' borra.

Doreen Micallef, l-unika poetessa f'din l-antoloġija, hija rappreżentata f'din it-taqsima b'żewġ poeżiji. Dedika donnha qed tissuġġerixxi li Micallef tkun it-tielet pont bejn it-Trijanglu Alla-Missier-l-Iben-Il-Mara (flok l-ispirtu ta' bejniethom):

*ma ridtx tagħtini ruħek*
*u ttiha 'l Alla tiegħek*
...
*tiegħu gost tinkini tarani ngħir għalih.*[13]

Dan jikkonferma kemm il-poeżija modernista hija disprament konxju mill-ħtieġa ta' qawwiet spiritwali biex iwittu l-kriżi tal-kuxjenza u l-kriżi ta' l-identità. F'*Eleġija* (it-titlu stess jissuġġerixxi l-mewt ta' l-imħabba), Doreen Micallef tqabbel lill-persuna maħbuba ma' "bieb imsakkar minn ġewwa", bieb li hi qiegħda tipprova tiftaħ għalxejn. Effett ieħor tan-nuqqas ta' komunikazzjoni kompleta bejn il-ħlejjaq, imqar jekk dawn ikunu raġel u mara li "ddedikaw" lilhom infushom għal xulxin.

Fil-poeżija moderna dwar "l-imħabba" hemm sens misterjuż u eluživ: il-persuna l-maħbuba ta' spiss tisfuma, iddub u tgħib fiżikament. Iżda t-tifkira tibqa' hemm, memorja li hija biss iċ-ċertifikat ta' relazzjoni li twieldet biex tmut. Huwa għalhekk li ħafna drabi, ngħidu aħna, il-Mara fil-poeżija moderna hija daqshekk misterjuża u passiva, effett ieħor ta' l-influwenza tal-filosofija tal-*Yin* orjentali. Dr. O. Friggieri, meta tkellem dwar il-mistika tal-Mara f'poeta bħal Mario Azzopardi kien qal hekk:

> *Hi femminilità li għandha mill-mara vera daqskemm għandha mis-sens tal-preżenza tal-mara fir-ruħ, imsarrfa fis-sens ta' l-arti (poetika). Hija s-simbolu ta' l-arċitip kollettiv...mara psikoloġika, simbolu tat-twelid u l-mewt, iċ-ċirku ta' l-etern, il-kontinwu, il-mara ħajja-mejta.*

12. It-ton assurdista ħakem ukoll lil għadd ta' poeti moderni li wżaw it-teatru bħala mezz ta' espressjoni. J. Friggieri, Marshall u Azzopardi impenjaw ruħhom għal ħafna snin b'teatru sperimentali li spiss tnebbaħ mill-grottesk jew mill-assurd.

13. Micallef, l-unika poetessa rappreżentata f'din l-antoloġija, stqarret li din il-poeżija kitbitha lil persuna li ħabbet, iżda r-relazzjoni tħarbtet għaliex ir-raġel aċċetta l-vokazzjoni tas-saċerdozju. Minbarra x-xogħol ta' Micallef f'din l-antoloġija setgħu ġustament iddaħħlu poeżiji ta' Rena Balzan u Lillian Sciberras, żewġ awtriċi ta' awtentiċità u impenn letterarju serju.

## IV IL-ĦAJJA: BIDU U TMIEM

Il-mewt hija waħda mit-temi li l-aktar li jippreokkupaw lill-bniedem, u mhux ħaġa kbira illi din il-verità (anzi, l-ikbar verità tal-ħajja temporali) tossessjona daqstant lill-modernisti. Mhix it-tema tal-mewt bħala tali li hija "ġdida" fil-poeżija, iżda pjuttost it-ton u r-ridimensjoni tal-mewt li huma r-riżultat ta' moħħ aktar inkwiżittiv, aktar dubbjuż u aktar xettiku.

Il-kulturi u r-reliġjonijiet kollha tad-dinja dejjem saħqu fuq ir-ri-inkarnazzjoni tal-bniedem wara l-mewt fiżika tiegħu: każ ċar ta' kif il-bniedem qatt ma sata' jammetti stat nikilista, li jtemmlu kwalunkwe tama ta' "eżistenza." Ix-xewqa li l-bniedem igħix għall-eternità għaldaqstant iddaħħlet imqar fil-kattoliċiżmu, fonti li l-poeti tas-sittin xorbu minnu bis-sħiħ minħabba tfulithom.[14] Il-poeżija romantika, meta ttrattat il-mewt, ittrattatha bl-emozzjoni, iżda l-modernisti jħarsu lejn il-*problematika* tal-mewt b'mod aktar filosofiku. U dan għaliex l-idea tal-ġenna u l-infern m'għadhomx aċċettati faċilment. Minflok, reġa' daħal fin-nofs l-Ego aktar ikkumplikat ta' l-artist tal-lum. Il-Professur Serracino Inglott jikkwota lil Amos N. Wilder dwar il-mod kif il-Jien jew l-Innifsi modern qed isib diffikultà kbira kif igħaddi mill-kunċett temporali għall-kunċett ta' l-eternità:

> *When we envisage the overcoming of death, it is not, first of all, in terms of an afterlife. This dimension must be taken up into one or another version of transcendence or meaning in this life.*

F'dan is-sens, il-mistoqsijiet dwar il-mewt jintrabtu mal-mistoqsija aktar fundamentali: Jien min jien? Jew mistoqsijiet oħra bħal: Għaliex inbati? Għaliex jeħtieġ li mmut? U jekk naf li l-mewt hija l-akbar verità temporali, għaliex twelidt? Kif ser nirrikonċilja ruħi maċ-ċertezza ta' mewti?

Filwaqt li l-idea konvenzjonali tad-dannazzjoni (l-infern) twarrbet mill-modernisti, il-poeżija l-ġdida tersaq aktar biex taċċetta dak li kien kiteb Jean Paul Sartre fid-dramm tiegħu *Huis Clos (M'hemmx Ħruġ): L-infern huwa l-oħrajn (L'enfer est les autres).*[15] Il-mewt bħallikieku ssir abitudni. F'waħda mill-poeżiji bikrin tiegħu, Mario Azzopardi kiteb:

> *Jien mitt elf mewta.*

Jung qies il-mewt bħala arċitip fundamentali li, fiha nnifisha, hija essenza ta' "ħajja oħra sigrieta." Dejjem skond Jung, l-inkonxju qiegħed ifittex kontinwament li jgħaqqad il-misteru tal-mewt mal-ħajja individwali ta' kull bniedem, biex

14. Għalkemm diversi poeti moderni qatgħu l-konnessjoni "prattikanti" tagħhom minn mar-reliġjon Kattolika, paradossalment baqgħu joħolqu koreografija ritwalistika fil-versi tagħhom. L-influwenza Kristjana baqgħet punt ta' riferiment frekwenti. Hija ħaġa ċerta, fi kwalunkwe każ, li għall-poeta Malti modern joqgħod tajjeb il-kliem li Roger Shattuck kien stqarr dwar Guillaume Apollinaire: "Whatever his attitude toward the Christian God, faith in a deity was never entirely absent from his consciousness."

15. Dan ix-xogħol mhux tas-soltu ta' Sartre (li fi traduzzjonijiet bl-Ingliż ngħata l-isem *No Exit)* jesponi d-dannazzjoni ta' tlieta min-nies li għadhom kemm mietu u jiltaqgħu f'salott fl-infern. Bil-mod il-mod jibdew jippersegwitaw lil xulxin mentalment, jinfexxu fil-vjolenza u jintebhu li ma setgħux "imutu", lanqas biex jeħilsu mill-persekuzzjoni ta' xulxin. *Huis Clos* kien inħadem fit-Teatru Nazzjonali Manoel fl-1973 b'Mario Azzopardi bħala reġista.

il-ħajja ssir aktar kompleta. Forsi minn hawn ġejja "x-xewqa inkonxja tal-mewt", tas-suwiċidju inkonxju, tar-ritorn lejn il-primordjali.[16] F'dan is-sens Jungjan, il-kuxjenza tal-mewt tista' tagħmel lill-bniedem aktar ħaj: meta l-bniedem jagħraf il-limitazzjonijiet li timponilu l-mewt, ħajtu timtela b'enerġija ġdida. Serracino Inglott jinnota din l-enerġija fil-poeżija *Għid tal-Mejtin* ta' Daniel Massa, li jitqabbel mal-poeta Ġermaniż Rilke:

> *(Death means) coming through the other side of Nature, not an occult escape from Nature.*

Fi kliem ieħor, il-mewt hija aċċettata bħala dimensjoni imposta mill-ħajja.

L-istess sens ta' rassenjazzjoni u, fl-istess waqt apprensjoni dwar il-mewt jurih Joe Friggieri f'*Meta Nitfu d-Dawl*: hawnhekk m'għandniex it-terrur Bibliku tal-mewt, iżda mewt "eżistenzjalista", esperjenza ta' konsum kważi romantiċizzata bil-preżenza tal-maħbuba. Il-komforti fil-mument tal-mewt mhumiex il-komforti tradizzjonali tal-vjatku, is-sagrament kattoliku amministrat lill-agonizzant, iżda komforti bħall-estasi ta' l-imħabba li jistgħu jitilfu lill-poeta minn sensih u jnessuh l-assurdità ta' l-att finali tal-ħajja. Jew aħjar, iħaffulu l-esperjenza ta' l-agunija.

F'Mario Azzopardi *(Biex tifhem il-vjolini)* l-esperjenza tal-mewt (oġġettiva) hija neċessarja biex il-poeta jista' jeżalta mqar is-sbuħija tan-niket (*L'Esthetique du Mal*):

> *min ma jirtabx...*
> *...għar-romol li bkew fuq l-irħama għal seba' mitt sebħ*
> *mingħajr xemx*
> *ma jifhimx il-vjolini.*

Fil-poeżija tal-modernisti dwar il-mewt, għalkemm jinħass tiftix għal ċerta estetika minn esperjenza daqshekk qalila u finali, ma tonqosx l-eżitazzjoni, u hawnhekk wieħed irid jiftakar fit-trattament tal-mewt f'poeta bħal Charles Baudelaire, li ħalla marka ta' influwenza fuq il-modernisti lokali. Fix-xogħol tiegħu *Les Fleurs du Mal* (1857), sewwasew fit-taqsima dwar il-Mewt, Baudelaire, filwaqt li qies il-mewt bħala estasi, ra fiha wkoll ħolma delużiva (qarrieqa) dwar il-mistrieħ fil-bniedem: *le sommeil promis n'est pas sûr* (ir-raqda mwiegħda mhijiex ċerta).

Ħamsa mill-poeżiji f'din it-taqsima jittrattaw it-twelid b'manjiera differenti. Il-kuntrast bejn il-ħerqa ċelebrattiva ta' poeta-qassis nisrani bħal Dun Lawrenz Cachia u l-ansjetà ta' Mario Azzopardi, maħkum minn biża' Freudjan fit-twelid ta' ibnu, jinħass ċar. Dożi oħrajn ta' ambigwità u misteru jinħassu f'*Karba* ta'

---

16. Jekk wieħed jaċċetta l-premessa tan-nevrożi inerenti fl-artist, forsi nistgħu napplikaw din it-teorija esposta mil-psikanalista A. Carver fil-ktieb tiegħu *Significance of the Idea of Death in the Neurotic Mind:*
"By the neurotic, death is not envisaged as a normal event with social, moral and legal implications, but as a quiescent resolution of affective excitement, the tendency to it is an effort of the organism to restore the quiescent equilibrium, realized once (it is supposed), at the beginning of life, within the mother's womb." Maud Bodkin, f'*Archetypal Patterns in Poetry* elabora aktar: "Like the neurotic, the poet is a reader, dreaming oı the river that breaks at last into the ocean, sees in this image his own life and death, not at all in their social and legal implications, but in accordance with a deep organic need for release from conflict and tension."

Victor Fenech. Iżda hawn il-kunċett tat-"twelid" huwa metaforiku għaliex huwa intellettwalizzat biex janalizza *mhux it-twelid ta' tarbija*, iżda t-"twelid" ta' karba stramba ħierġa minn karozza lussuża pparkjata f'San Pawl il-Baħar. Daqskemm tista' tkun karba ta' mewt, tista' tkun karba ta' estasi sesswali jew bikja ta' ferħ (prova oħra tal-viżjoni kkumplikata tal-poetika l-ġdida). Imbagħad il-karba tmut fix-xejn.

Fl-aħħarnett irridu nsemmu ż-żewġ poeżiji li jittrattaw it-tarbija fil-ġuf: *Foetus* ta' Achille Mizzi u *Abort* ta' Daniel Massa.[17] Mizzi, bil-lessiku passjonat tipiku tiegħu, jittratta t-twelid intellettwalment, billi jorbot il-kunċett tal-ħlas mat-teorija ta' Charles Darwin dwar l-evoluzzjoni: "il-bniedem ħuta." Imqar l-epoka teknoloġika moderna hija evokata fil-vers li jqabbel lit-tarbija ma' "l-astronawta tad-dlam mutu." Terġa', "il-moħħ" jissemma mhux inqas minn tliet darbiet, indikazzjoni ċara illi ċ-ċelebrazzjoni tat-twelid f'Mizzi mhix emottiva jew sentimentali, iżda bijo-mentali.

Massa jagħmel ritwal suġġettiv biex jikkastiga l-att ta' l-abort bħala delitt kontra l-innoċenza. Li kieku mhux għall-kelma speċifika li tiddeskrivi l-karozza (Volvo) użata għall-abort, din il-poeżija tista' tkun interpretata fuq livell nazzjonalistiku: "ix-xebba nklinata nofs nuda" tista' tkun Malta, inkapaċi li twelled ġenerazzjoni ħielsa mill-passjoni politika, mill-ipokresija u mill-bigotrija reliġjuża. Dan huwa biss suġġeriment interpretattiv li juri kemm jistgħu jsiru assoċjazzjonijiet minn poeżija ta' llum.

## V INTERMEZZ

Aktar milli ħadet il-forma ta "stedina lill-qarrej (biex) jingħaqad mal-poeti jilagħbu", din it-Taqsima tal-ktieb setgħet investigat bis-serjetà l-funzjoni tal-"komiċità s-sewda", jew ir-relazzjoni bejn il-letteratura serja u l-umoriżmu modern, aktarx karatterizzat minn tensjonijiet moħbija li jridu jinfexxu x'imkien. L-għażla nnifisha tal-poeżiji f'din it-taqsima tal-ktieb, apparti li tindika xogħlijiet li mhuma "komiċi" fl-ebda sens tal-kelma (x'hemm "umoristiku" fir-riflessjonijiet tal-franġiskan Marjanu Vella jew fil-frustrament ta' Ġorġ Borg f'*Għalik u Għalija?*), tagħti importanza lil xogħlijiet oħra li aktar jixirqilhom jidħlu fil-kategorija tat-tqabbil folkloristiku. Lanqas l-epitaffi, l-epigrammi u l-limerikki f'*Intermezz* ma jintużaw mal-kunċett tal-poeżija modernista f'Malta.

Jekk hemm umoriżmu fil-poeżija Maltija tas-sittin, dan aktarx li huwa ta' natura ambivalenti u paradossali; huwa umoriżmu sarkastiku, assurdista jew grottesk, b'xi ħadd bħal Albert Marshall il-perċimes f'dan is-sens. Fi kliem ieħor, imqar "il-komiku" (jekk huwa ta' min janallizzah fil-poeżija l-ġdida) huwa wieħed li jitnissel minn *kriżi* psikoloġika.

17. Daniel Massa, flimkien ma' Victor Fenech, Mario Azzopardi, J.J. Camilleri u Lino Spiteri kien iċċensurat (u miżinterpretat) minħabba "dubji reliġjużi." Fl-1968, il-ħames awturi kellhom xogħolhom imwaqqaf milli jinqara fit-Teatru Nazzjonali bl-intervent tal-pulizija. Il-Kumitat tat-Tmexxija tat-Teatru ddeskriviehom bħala "rebellious, unscrupulous, law-shattering boobies."

Garcia Lorca (1898-1936) darba qal illi jekk l-udjenza li tmur tara d-drammi tiegħu ma tkunx taf "għandhiex tidħaq jew għandhiex tinfaqa' tibki", huwa jħossu li jkun laħaq il-qofol tas-suċċess tiegħu. Jean Anouilh (twieled fl-1910) saħaq illi t-traġiku-komiku huwa wieħed mill-ingredjenti predominanti fil-letteratura kontemporanja. Dan seħħ partikularment fit-teatriko-poetiċi ta' awturi bħal Chekhov, Pirandello, Anouilh, Brecht u Beckett,[18] pilastri internazzjonali ta' l-idjoma l-ġdida u li, mhux b'kumbinazzjoni,ix-xogħlijiet tagħhom inħadmu f'Malta minn poeti-reġisti bħal Azzopardi, J. Friggieri u Marshall. Fl-esej tiegħu *L'Umorismo* (1908) Pirandello nsista li "il comico è appunto un avvertimento del contrario."

Aktar milli fit-taqsima *Intermezz*, "il-komiku" poetiku modern għandu jitfittex fil-versi ta' karikatura deformattiva l-iktar f'Azzopardi, Fenech u Marshall. Huwa f'dawn il-poeti li tinstab it-tifsira essenzjali ta' l-umoriżmu bħala kodiċi ta' dominanza nervuża biex jintgħelbu l-biża' u n-niket.

Il-kritiku Freudjan *Ernst Kris,* fit-teżi tiegħu dwar *Il-Jien u l-Komiċità* (1967), għamel din ir-riflessjoni:

> *Kieku wieħed kellu jeżamina d-daħqa fuq rallentatur, wieħed ikun jista' jara li t-tbissima hija preċeduta minn ansjożità sottili. Il-komiku għandu l-espressjoni tas-sudisfazzjon tal-Jien li għandu l-ħila jikkontrolla proċessi u kontenuti li kienu jew li setgħu kienu perikolużi għall-ekwilibriju psikiku jew f'dawk li huma rapporti inter-personali.*

Dejjem skond twemmin Freudjan, fil-bniedem hemm ammonti kbar ta' enerġija trattenuta (minħabba l-inibizzjonijiet li timponi s-soċjetà, il-knisja, il-familja); dan il-kontroll huwa wieħed "artifiċjali" għan-natura nfisha tal-bniedem u għaldaqstant ta' spiss isib żvog fid-daħq. Thomas Hobbes, wieħed mill-fundaturi tal-psikoloġija moderna, kien diġà antiċipa (lejn nofs is-seklu sbatax) lil Freud fl-analiżi dwar il-Jien u l-ħtieġa tal-"komiċità". Nikkwotaw dan il-passaġġ qasir minn Hobbes:

> *L-emozzjoni tad-daħq mhi xejn ħlief żvog improvviżat li jitnissel fina nfusna mill-ħsieb ta' ċerta superjorità, biex jikkonfronta l-inferjorità ta' ħaddieħor u l-inferjorità preċedenti tagħna stess.*

M'hemmx dubju illi l-karikatura u d-deformazzjoni assurda f'uħud mill-poeti tas-sittin hija mnissla sewwasew minn dan is-sens ta' *inferjorità* li huma jaraw fil-poplu Malti u għaldaqstant (għaliex huma Maltin ukoll) fihom infushom. *Intermezz,* b'xorti ħażina, mhix sezzjoni li tinterpreta dan li qegħdin ngħidu hawnhekk.

## VI JIEN U ART TWELIDI

Din it-taqsima ta' antoloġija hija importanti f'diversi sensi: minbarra li l-kriżi soċjo-politiko-reliġjuża Maltija tas-snin sittin tinsab enkapsulata f'uħud mill-

---

18. Awturi oħrajn li aktarx ħallew marka fuq l-idjoma karikaturista fil-poeżija lokali tas-sittin jinkludu lil Eliot, Tennessee Williams, Jonesco, Genet u Pinter.

poeżji li ġejjin, jidher ukoll illi bejniethom stess, il-poeti ltaqgħu ma' ċerti diverġenzi dwar kif se jħarsu lejn l-imgħoddi u kif ser jittrattaw il-preżent. Mhix ħaġa tal-għaġeb, għalhekk, li din it-taqsima turi mhux inqas minn tliet attitudnijiet differenti dwar il-ġrajja Maltija: Charles Vella *(Settembru)* jintrabat b'konservattiviżmu li ma jidhirx jinqata' mill-poeżija ċelebrattiva ta' l-imgħoddi; J.J. Camilleri jieħu l-qagħda aktar moderata tar-reviżjonista li jixtieq iħares lejn iż-żewġ naħat tal-munita *(Lit-Tork)*, filwaqt li Mario Azzopardi, li ta' min ifakkar li kien meqjus bħala l-*enfant terrible* tal-poeżija moderna f'Malta, fetaħ il-kanuni kollha tiegħu kontra l-ortodossija u l-Istabbiliment *(assedju-stil 1967)*.

Hemm qagħdiet oħra li minnhom iħarsu l-poeti meta jittrattaw 'l art twelidhom, bħal meta Oliver Friggieri jħares imbikkem lejn l-imgħoddi biex jeżalta x-xewqa għal ġejjieni aħjar, aktar pożittiv *(Malta Żagħżugħa)*, jew bħal meta Daniel Massa jipprova jfittex għall-egħruq primordjali ta' niesu fil-baħar, l-element l-iktar ovvju li jikkondizzjona lill-poeżiji tiegħu tas-sittin *(Delimara)*.[19]

Mhemmx dubju li, ġeneralment, it-ton ta' din it-taqsima huwa wieħed differenti mill-mod pindariku li bih kien jinqeda xi Dun Karm biex jibni l-mit ta' l-Omm-Patrija. Il-bixra tal-modern tibqa' waħda ambivalenti, ekwivoka. Hemm insistenza fuq il-ħelsien *intellettwali* ta' Malta, xewqa li tnisslet mill-fatt storiku ta' l-Indipendenza (imqar jekk kontroversjali) tal-1964 li akkwista b'negozjati ma' l-Ingilterra l-Partit Nazzjonalista. Kienet l-istess Indipendenza tal-1964 li xprunat il-kuxjenza kritika tal-poeti tas-sittin u ressqithom lejn il-moviment tan-*New Lines* jew ta' l-*Angry Young Men* fl-Ingilterra tas-snin ħamsin. Iċ-ċensura uffiċċjali kontra l-poeti l-ġodda kienet qed tħalli effett negattiv ukoll, l-aktar meta, f'Diċembru ta'l-1968, il-ħabel issikka tant madwar għonq l-awturi l-ġodda li d-Direzzjoni tat-Teatru Manoel sejħet lill-pulizija biex ma jinqrawx ħames xogħlijiet ta' Mario Azzopardi, Victor Fenech, J.J. Camilleri, Lino Spiteri u Daniel Massa. Fl-1977 Daniel Massa nnifsu irreġistra l-inċident:

> *The Establishment not surprisingly thought that in form and matter the (modernist) group showed manifest contempt of accepted mores, and one member of the Manoel Management Committee described them as "rebellious, unscrupulous, Law-shattering boobies."*[20]

---

19. P. Serracino Inglott jinnota d-diwi tal-baħar fid-dramm *Riders To The Sea* ta' J.M. Synge (1871-1909) bħala korrispondenti mal-poeżija *Delimara*. Il-baħar f'*Riders To The Sea*, ta' min josserva, huwa mqalleb u vjolenti, filwaqt li f'Massa dejjem għandu trankwillità ta' seħer. B'danakollu, kemm f'Synge u f'Massa dejjem hemm il-metafora ossessiva ta' l-ilma primordjali li jiġbed lill-bniedem bħal belliegħa. Ta' min igħid ukoll li *Riders To The Sea* nebbhet ukoll lil Mario Azzopardi biex jaħdem traduzzjoni poetika tagħha għall-Malti. Il-verżjoni bil-Malti nħadmet tliet darbiet: fuq it-televiżjoni lokali (1975, direttur Albert Marshall); fit-Teatru ta' l-Università l-Qadima, il-Belt (1979, ko-direzzjoni ta' Salvu Pirotta u Azzopardi nnifsu) u fl-Akkademja tad-Drama, il-Belt (1981, direttur Mario Ascione).
20. Cf. *Contemporary Maltese Literature – An Interim Report* f'*Contributions to Mediterranean Studies*, University of Malta, 1977. Ara wkoll Frans Sammut, *New Directions in Maltese Poetry*, Hyphen, 1982, Vol. III, 2.

Fis-sittin, il-modernisti tista' tgħid li lkoll kienu jiffurmaw parti mix-xellug dissidenti u, aktar iva milli le, kellhom ukoll aspirazzjonijiet "soċjalisti", għalkemm dawn l-aspirazzjonijiet qatt ma kienu trażmessi f'xi għamla ta' manifest uffiċjali. Infatti, il-politika "tal-partiti" ftit li xejn kienet tidħol fl-argumenti tal-Grupp tal-Cafè Premier fil-Belt, li kien jiltaqa' kull nhar ta' Sibt filgħodu biex, skond Daniel Massa, "jiċħad ix-xlerożi ta' l-istituzzjonijiet li kienu qegħdin jixjieħu."[21] Mill-inqas tlieta mill-inizjaturi ta' l-offensiva *anti-Establishment* fis-sittin illum jirrappreżentaw liż-żewġ partiti fil-Parlament: Philip Sciberras u Lino Spiteri mal-Partit Soċjalista u Joe A. Grima mal-Partit Nazzjonalista. Sciberras innifsu kien wieħed mill-poeti tal-Moviment tas-Sittin li esprima ruħu dwar il-ħtieġa li l-poeti l-ġodda lokali "jkissru l-egħluq tal-ħitan"[22] tal-fantasija u jitnebbhu minn dak li kienu qegħdin jagħmlu gruppi radikali Ewropej bħall-*Gruppo 63* fl-Italja; il-*Gruppe 47* fil-Ġermanja u l-*Group 42* fl-Ingilterra.

Inċidentalment, il-*Group 42* kien nebbah lill-modernisti lokali biex jibdew jesperimentaw ukoll b'teatru radikali, ta' sikwit marbut mat-Teatru ta' l-Assurd, mat-teatru "soċjalista" ta' Wesker jew man-novelli ta' Franz Kafka. Il-Professur Serracino Inglott jinnota li l-poeżija *Burokrazija* ta' Victor Fenech "ma tistax ma tfakkrekx f'Kafka" (aktarx li r-riferenza implikata hija dik li torbot *Burokrazija* ma' *Metamorfosi* fejn Kafka joħloq anti-eroj li jsir insett ippersegwitat mill-Istituzzjoni).

Illum, fl-1983, ix-xettiċiżmu li kienu wrew il-poeti tas-sittin dwar "l-Indipendenza tal-Ħsieb", jew il-biża' li l-utopija idealizzata tagħhom tiġġarraf, aktarx jinħass spjegat tajjeb ħafna f'dawn iż-żewġ passaġġi li ġejjin minn Oliver Friggieri, l-intellettwali li ddelinea wkoll il-metodu l-ġdid tal-kritika strutturali moderna:

> *Hemm Malta suwiċida li jaraha kulħadd, u jibqa' għaddej: Malta li qiegħda taqa' taħt il-gaffa ta' l-ispekulazzjoni, gżira li qiegħda ssir djar kbar u vilel biss. Malta li ħawdet il-qerda ta' l-identtià tagħha mal-progress. U hemm Malta suwiċida oħra li tmut b'mod trasparenti jew kważi bil-moħbi: Malta li saret ġungla ta' piki u mibegħda organizzata.*[23]
>
> *F'Malta hemm passjoni ossessiva għall-firda, għad-distinzjoni, u dan għaliex il-politika (f'Malta) ngħixuha bħala reliġjon. Tista "tidneb" kontra l-Partit, tista' taħdem bil-"merti" kollha favur il-Partit...f'Malta ma teżistix politika;*

---

21. op. cit.
22. Cf. *La Gioventù Intellettuale nel Nostro Paese* f'Lo Zibaldone, Circolo Dante Alighieri, Frar, 1969.
23. Cf. *Malta Suwiċida: Aħna, in-Nofs-Maltin* fi *Problemi ta' Ilum*, 23/7, Awissu-Settembru, 1983.

> *teżisti partiġjanerija jew, jekk trid, partitokrazija. Fl-aħħar mill-aħħar, ittrasferejna t-tendenzi reliġjużi tagħna għal-livell tal-politika. Il-politika spiċċat biex tokkupa l-post li qabel kien okkupat mir-reliġjon...Nippreferi nissejjaħ* **pinnur,** *jew* **opportunista,** *iżda skond ir-regoli tal-Verità...fi kliem ieħor, irrid niddeskrivi lili nnifsi bħala idealist, imqar jekk nissogra li f'Malta nkun ikkunsidrat bħala bniedem mingħajr prinċip-ji.*[24]

Il-qagħda dissidenti tal-poeti tas-sittin hawnhekk hija artikolata ċar u tond, xhieda li, wara kollox, il-moviment tal-modernisti antiċipa d-delużjoni tat-"temi grandjużi" li dejjem ippropaganda l-Istabbiliment. Għoxrin sena wara l-Indipendenza politika tagħha, Malta tidher li għadha lanqas stabbiliet l-identità ta' bejn l-aħwa nnifishom: il-mistoqsija dwar "l-alla ġdid" fl-"arena maltija" (*assedju–stil 1967*) għadha tikwi llum daqskemm meta nkitbet (fl-1965).

Huwa ta' min jikkonsidra wkoll kif il-kriżi ta' l-identità ġiegħlet lill-poeti tas-sittin jiċħdu n-narrattiva passiva ta' l-istorja retorika ta' pajjiżhom, u dan biex jikkuntemplaw l-ambjent kontemporanju, dak li huwa mmedjat. F'dan il-kuntest, il-modernisti f'Malta jikkorrispondu ma' poeti "konfessjonali" Amerikani (Ginsberg, Corso, Plath, Ferlinghetti), mal-kontinentali radikali (Palazzeschi) jew ma' l-*angry generation* fl-Ingilterra.

Serracino Inglott jikkwota lil Lawrence Ferlinghetti:

*Roads radiate into air*
*like the labyrinth wires*
*of a telephone central*
*through which all calls are*
*infinitely untraceable*

Il-fili intraċċabbli ta' l-identità Maltija ossessjonaw lill-modernisti: il-preżent giddeb lill-imgħoddi. U fit-telfa mħabbla tal-kriżi ta' l-identità nazzjonali kontemporanja, grotteska u perversa, il-modernisti donnhom ngħaqdu f'kor biex jixlu lil ta' qabilhom b'espressjoni li ssellfu mingħand Kingsley Amis: "Nobody wants to listen to any more themes of grandeur."

## VII JIEN U ARTIJIET IMBIEGĦDA

Il-Professur Serracino Inglott jintroduċi din it-taqsima tal-ktieb bi kwotazzjoni minn Baudelaire,[25] li għandu jkun ta' riferenza spissa fl-analiżi tal-poeżija

24. Cf. *30 Giorni*, Milan, Settembru, 1983.
25. Baudelaire jikkorrispondi, ngħidu aħna, mal-fehma tal-modernisti Maltin li l-poeżija m'għandhiex timmoralizza b'mod espliċitu, jew mal-fehma li l-onestà għandha tkun il-karatteristika ta' kwalunkwe *esperjenza* poetika. Kien il-ħsieb ta' Baudelaire li jesponi "l-għajn poetika" sakemm din issir "l-emblema ta' dak li huwa indefinit u mingħajr qies."

modernista f'Malta:

> *You know that feverish sickness which comes over us in our cold despairs, that nostalgia for countries we have never seen, that anguish of curiosity? There is a country that resembles you, where everything is beautiful, rich, honest and calm. Where fancy has built and decorated an Occidental China, where life is sweet to breathe, where happiness is wedded to silence. It is where we must live, it is where we must die. Yes, it is where we must go to breathe, to dream, and to prolong the hours in an infinity of sensations.*

Il-modernisti f'Malta bdew jiktbu fi żmien meta l-mass media kienu qegħdin jassedjaw il-moħħ tal-ġenerazzjoni l-ġdida, u dan minkejja li sas-sena 1966, sentejn wara l-Indipendenza politika ta' Malta, fostna kien għadu jeżisti l-Indiċi tal-kotba pprojbiti *(librorum prohibitorum)* maħruġ mill-awtoritajiet tal-Knisja.[26] Minbarra l-*mass media* kien hemm is-safar li fetaħ twieqi multiplikanti fuq l-inkonxju ta' l-awturi l-ġodda. Aktar ma beda jinqata' mill-aspett parrokkjali u każaling tal-ħajja mikrokożmika f'Malta, il-poeta modern beda jixxennaq biex jaqta' l-kurdun taż-żokra ma' Malta "maternalista" u jfittex li jassumi identità kożmopolita. Fil-proża, fix-xogħlijiet ta' wħud bħal Frans Sammut u Alfred Sant, l-eroj sar l-anti-eroj li jixbah lil xi Stephen Dedalus f'*Ulysses* ta' James Joyce, jew *L'Etranger* ta' Albert Camus; l-awto-eżilju jew is-suwiċidju f'rumanzi bħal *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar* ta' Sant u *Samuraj* ta' Sammut kienu amplifikati mill-poeti tas-sittin. Il-mottiv tal-vjaġġ deher li kien wieħed fundamentali: il-poeta kien qed jivvjaġġa biex, 'il bogħod minn art twelidu, jitkixxef dwar l-identità tiegħu, jiskopri Jien "ġdid u ħieles" (fi kliem Oliver Friggieri) li kien irċieva t-timbru primarju f'Malta, fejn il-bniedem li jaħseb (inkluż, ċertament, il-poeta intellettwali) ta' spiss iħossu barrani emarġinat f'pajjiżu stess.

Serracino Inglott innota tajjeb li l-vjaġġ huwa "niggieża li tislet il-mistoqsija metafiżika", u dan sewwasew għaliex il-poeta jistħarreġ permezz tas-safar mhux is-sempliċi nostalġija sentimentali lejn art twelidu meta jkun imbiegħed minnha, iżda biex jippenetraw l-inkonxju tagħhom biex iġarrbu Jien aktar awtentiku, In-nifsi aktar realizzat. Ikun ta' interess tqis kif il-metafora tal-vjaġġ bħala arċitip qadim tħaddmet minn poeta bħal Azzopardi f'ċiklu sħiħ ta' poeżiji bħal ma tix-hed l-antoloġija tiegħu *Tabernakli,* li waslet fl-1979.[27]

Fis-snin sittin, il-vjaġġ wassal lill-modernisti biex jirrealizzaw realtà oħra: id-dinja hija magħmula minn bnedmin li lkoll għandhom il-kriżijiet partikulari tagħhom; filwaqt li Malta hija gżira ta' dimensjoni ristretta ġeografikament, id-dinja wkoll hija "gżira" enormi fejn in-nies tixxennaq ukoll għas-serħan. Il-vjaġġ tal-poeta modern aktarx li huwa l-vjaġġ fid-deżert, fejn ir-ruħ hija għatxana

---

26. Fost l-awturi pprojbiti kien hemm Boccaccio, Voltaire, Flaubert, Balzac, Wilde, Moravia. L-*indiċi* tneħħa f'Ġunju, 1966. Sal-1948 kienu ħarġu għoxrin edizzjoni ta' l-Indiċi ta' kotba pprojbiti; l-aħħar edizzjoni kienet tinkludi suppliment li jkopri awturi bbanjati sad-data tal-31 ta' Marzu, 1959.
27. *Tabernakli,* huwa xhieda ta' kif, fis-snin sebgħin, poeta bħal Azzopardi għadda mill-polemika empirika għall-meditazzjoni.

għall-kalma, għall-egħjun ta' l-ispiritwalità. Il-lessiku ta' Achille Mizzi f'*Arizona* huwa wieħed aridu, iżda minnu jitnisslu wkoll il-fjuri tal-kaktus:

*Jiena d-deżert għatxan tal-Arizona*
*Bil-lejl ħolma ta' serħ u poeżija.*
*Il-ward tal-kaktus jitla' f'għaxwa ħamra*
*Iz-zkuk bajdana*
*B'dirgħajhom imberrħin jinbidlu f'arpi*
*Tal-fewġa ħelwa.*

L-awtodefinizzjoni tad-deżert mistiku (*Jiena d-deżert għatxan tal-Arizona*) tieħu bixra ta' avventura spiritwali matul it-taqsima kollha, ibda mill-platoniżmu li jevoka Dennis Agius fi *Ljieli Fid-Deżert,* u spiċċa fil-qasma Jien-Huma li jħoss Mario Azzopardi bit-ton delusiv ta' *bahnhofstrasse* (mhux bahn*hauf*strasse):

*Jien ukoll wiċċi abjad bħalhom*
*iżda nibża' ngħidilhom*
*la ma ntebhux weħedhom.*

L-aljenazzjoni tal-bniedem urbanizzat hawnhekk tidher sew fl-eqqel tagħha, dokument soċjoloġiku dwar dawk illi l-kritiku Serracino Inglott iqabbel ma' l-*oqbra mbajda* tal-Vanġelu. Ir-riflessjoni hija ta' interess interpretattiv, iżda Mario Azzopardi jistqarr illi n-nota fundamentali li ried jolqot kienet din:

> *L-uċuħ bojod fil-poeżija aktarx li jfissru l-istat enemiku fl-ispirtu tal-bniedem modern; daqs li kieku hemm marda fid-demm li tinnewtralizza l-kulur u turi kisja lelluxija, moribonda. L-effett mixtieq huwa dak li jissuġġerixxi x-xbiha kważi surrealistika ta' katavri mexjin. U l-poeta miexi magħhom lejn id-destinazzjoni ambigwa, indefinita.*

It-tleħħin tad-deżolazzjoni tal-poeta Malti f'artijiet barranija jrid ikun ikkunsidrat ukoll fit-totalità tiegħu. L-eliżir barrani donnu li ma nstabx, u t-temp tal-mixja tal-pellegrin f'artijiet imbiegħda ssir waħda ritwalistika, determinata mill-isfumaturi tal-ħarifa (il-metafora tar-ruħ għajjiena). Daniel Massa jitbiegħed mill-"ġonna taż-żgħożija" u jistqarr il-mixja tiegħu "fiċ-ċpar tul il-ħarifa" (*Weraq*), filwaqt li fil-poeżija ta' wara (*Metro*) jagħti xhieda tiegħu nnifsu nieżel fl-*underground* ta' Londra bħallikieku nieżel fl-"infern ħaj tal-bnedmin" (eki oħra ta' *L'Enfer Est Les Autres* ta' J.P. Sartre).

*...u jien*
*nitkaxkar 'l isfel minn folla tisgħol in-nugrufun*
*ġo wiċċi ġo vagun...*

Il-vagun li jivvjaġġa fih Massa donnu jsir il-vejikola tal-mewt spiritwali, ifful-lata bi bnedmin korrotti u perversi. U l-poeta, mill-qtugħ in-nifs tat-tren ta' taħt l-art, jixxennaq lil Malta (bir-riferenza għaż-"Żurrieq"). Imqar hawn, it-tifkira tas-"siġra (fiż-) Żurrieq" mhix waħda sentimentali, iżda spiritwali: "speċi ta' talba li l-ambjent Malti...ikollu effett ta' tisfija għall-ħajja familjari tal-poeta li tbiegħed minnha" (biex jiskopri lilu nnifsu aktar fil-fond).

Joe Friggieri jippersisti wkoll fit-tnissil ta' xbihat mgħaġġlin, impressjonijiet li jindikaw li, matul il-vjaġġ spiritwali tagħhom, il-poeti tas-sittin sabu dinja miżgħuda bil-fatati:

*Anki fi Praha*
*x-xita nieżla*
*u s-sħab idemma'...*

jew

*In-nies imkeffna bħal uħux*
*fil-lampi tal-merkurju.*

## VIII JIEN U L-ĠRAJJA TA' ŻMIENI

Hemm bosta devjazzjonijiet fil-modernisti[28] li juru li l-membri ħerqana tal-grupp tas-sittinijiet f'Malta fittxew li jinqalgħu mir-ristrezzjoni mikrokożmika ta' Malta-Raħal (jew Malta-Parroċċa) u jirrestawraw il-poeżija lokali billi, b'kull mezz possibbli, iressquha lejn burdata awtentika ta' internazzjonalità. Diġà semmejna l-influssi tal-*mass media* u l-effetti tal-vjaġġ frekwenti tal-poeti l-ġodda, li komplew affermaw ir-reazzjoni tagħhom kontra l-insularità ta' Malta.

Bħala poeti ċerebrali, il-ġeografija fiżika ta' Malta għalihom ma kinetx biżżejjed; lanqas ma kienet biżżejjed il-fiżjonomija każalinga jew folkloristika li r-Romantiċi imponew fuq il-letteratura tradizzjonali. Skond Oliver Friggieri, wieħed mill-poeti prekoċi tas-sittinijiet, il-modernisti riedu jfejqu lill-poeżija Maltija "mill-marda ta' romantiċiżmu dekadenti li kien ilu li qeda l-funzjoni li tatu l-estetika ottoċenteska" biex minfloku jdaħħlu "forom u temi ġodda misluta minn avventuri letterarji u minn esperjenzi soċjali kontemporanji." Ir-riħ tal-bidla fl-Ewropa u fl-Amerika[29] ħakem l-immaġinazzjoni tal-modernisti: affettwathom il-kontestazzjoni studenteska, l-evoluzzjoni tal-Moviment Negru fl-Afrika u fl-Istati Uniti, ir-Rivoluzzjoni Ċekoslovakka, l-assassinju ta' ġellieda għall-ħelsien bħal Patrice Lumumba u Martin Luther King kif ukoll avvenimenti oħrajn li rriflettew l-avvent ta' l-epoka spazjali. Mill-konkwista spazjali, il-modernisti f'Malta ħolqu ritwal riflessiv, bħal m'għamel Daniel Massa f'*Astronawti.* Tajjeb li nfissru aħjar dan il-motiv.

Minħabba li l-ortodossija reliġjuża, bil-kon-ċelebrazzjoni "kattolika" tagħha, sfat miċħuda fil-poeżija tal-modernisti, il-grupp tas-sittinijiet beda jfittex kwalitajiet ġodda ta' "kristjanità" u spiritwalità, imqar fl-aħbar li kienet qed twassal l-avvent spazjali tal-Bniedem-Astronawta. Għall- poeti Maltin, l-Astronawta tela' fl-ispazju "jfittex lil Alla wara li kien ċaħdu." Dwar il-poeżija *Spazju,* (Dun) Lawrenz Cachia kiteb hekk:

*Wieħed dejjem isib fil-kitba tiegħi ftit ottimiżmu u riflessjoni tal-Fidi f'dinja sopranaturali.*

Infatti, Ċachia jtemm il-poeżija tiegħu *Spazju* billi jedifika mhux biss il-ħelsien li hemm jistenna lill-bniedem li jaċċetta l-fidi f'Alla:

*nintilfu fl-infinit sabiex ninstabu*
*mill-ġdid għal dejjem.*

It-ton metafiżiku huwa ċar biżżejjed u jikkuntrasta mal-pożizzjoni aktar

28. Minbarra devjazzjonijiet tematiċi, wieħed irid jiftakar kontinwament fit-tifsiriet metaforiċi, sintattiċi u stilistiċi li wettqu l-modernisti; dawn id-devjazzjonijiet bosta drabi riedu "jixxukkjaw" apposta, biex b'hekk tkun aċċertata l-waqgħa ta' l-ordni tar-Romantiċiżmu dekadenti. Ara Oliver Friggieri, *Saġġi Kritiċi,* A.C. Aquilina & Co., Valletta, 1979.

29. Ara M. Azzopardi, *Fl-Isfond ta' Linji Ġodda,* Merlin Publications Ltd., Blata-l-Bajda, 1983. L-atteġġjamenti tal-modernisti kienu mnebbhin ukoll mill-Movimenti Beat, il-Moviment Futurista Taljan, is-Surrealiżmu u s-Simboliżmu Franċiż.

materjalista (u aktar suspettuża) li jieħu Philip Sciberras, *il-mit ta' l-astronawta*. - Qegħdin ngħidu "materjalista" mhux fis-sens fluwidu tal-kelma iżda fis-sens aktar ristrett tal-bniedem *sekularizzat* li xorob mit-teoriji assurdisti dwar ix-xejn tal-bniedem u dwar il-kummiedja traġika ta' l-istess eżistenza tiegħu. Minħabba f'hekk terġa' tittempra ruħha l-mistoqsija *Jien Min Jien?*

P. Serracino Inglott jikkwota estensivament[30] minn waħda mill-aħjar poeti Amerikani moderni, May Swenson:

> *Who or what are we? And what are we becoming? What is the relation between man and the universe? Those are the questions that ached in the mind of the first poet. They can still be said to have created the first poet and to be the first source of the art of poetry. Does the fact of our consciousness, unique and seemingly miraculous among all of nature's creatures, a priori indicate a superconsciousness – shaping and manipulating the cosmos? How is it that with our minds we can explore our own minds? And can we develop a technique to explore Mind?*

L-aħħar *Mind* mill-kwotazzjoni għandha tittieħed li tfisser id-Divin, l-Esseri Suprem, dak li drajna nsejħulu Alla.

Il-preokkupazzjoni b'Alla bħala sostitut għandu jittieħed għar-reliġjon "maltija" aktar komda u aktar ħafifa (u wisq inqas ikkumplikata) hija waħda mill-marki l-iktar preokkupanti fil-poeżija tal-modernisti. Ħafna drabi, bħal fil-każ ta' Sciberras, dan is-sostitut imfittex huwa mċajpar minħabba l-influwenzi ta' awturi bħal Voltaire (1770-1831), Hegel (1694-1778) u Nietzsche (1844-1900). L-aħħar strofa tal-poeżija *il-mit ta' l-astronawta* donnha trid turi lill-bniedem jażżarda jisfida r-regola tal-gravità biex jitla' jfittex (u jisfida?) lis-setgħa tal-"Moħħ", lil Alla nnifsu:

*dak li nħoloq fitt jum fix-xbieha tiegħu*
*libes hu stess l-ilbies ta' l-astronawta*
*u tela' jinfed satellit*
*il-waħx ta' univers dagħbien u mingħajr widen*
*forsi jiskopri f'tarf is-sema*
*lil dak li ma jidhirx u jista' kollox.*

Tajjeb nosservaw illi t-tliet poeżiji f'din it-taqsima li jiċċelebraw il-konkwistà ta' l-ispazju jintemmu fuq nota ta' thewdin biex tinstab saltna ġdida li teħles lill-bniedem:

i. *forsi jiskopri tarf is-sema* (Sciberras)
ii. *nintilfu fl-infinit sabiex ninstabu*

---

30. Serracino Inglott, fil-Kummentarju tiegħu għal *Linji Ġodda*, jagħmel ukoll riferenzi għax-xogħlijiet ta' għadd ta' artisti letterarji, teatriċi, pittoriċi u mużikali li setgħu ħallew influwenza fuq il-modernisti f'Malta; fost il-ħafna li jsemmi Serracino, ta' min ifakkar f'Cowley u Donne (metafiżika), Blake (preokkupazzjoni fl-Infinità), Picasso (is-simbolu tal-ħamiema fuq kubiżmu li jisfigura lill-bniedem modern), Beckett (teatru assurd li jenfasizza n-nuqqas ta' komunikattiva bejn il-bnedmin tal-lum), Jackson Pollock (pittura konfuża u astratta bit-teknika tad-*drip paint)* u John Cage (mużika b'waqtiet twal ta' spazji jalternaw elettronikament).

*mill-ġdid għal dejjem.* (Cachia)
iii. *biex teħles mill-baħar magħluq* (Massa)

It-tiftix universalizzat kif ukoll il-polemika soċjali bħala effett ta' l-aħbar internazzjonali jikkumplimentaw lil xulxin fil-poeżija *Wara* ta' Victor Fenech li, bħal Azzopardi u Sciberras, għandu jitqies bħala wieħed mill-esponenti l-aktar assidwi tal-polemika fil-modernisti. *Wara* hija sensiela konċentrata ta' *tesi* u *antitesi* (vena tipika tal-kontradizzjoni u l-indeċiżjoni kif murija ta' sikwit minn Fenech). L-aspett politiċizzat tal-ġrajja kontemporanja jidher fiż-żewġ versi:

*wara l-ħakma għakkiesa*
*l-għajta maħnuqa*

filwaqt li l-bixra metafiżika hija inkapsulata fit-tliet linji qosra li jtemmu l-poeżija:

*Ma' nżul ix-xemx –*
*ix-xejn ta' kulħadd*
*u l-baħħ ta' kollox!*

Nifhmu li, wara kollox, il-kontestazzjoni u l-polemika soċjali tal-modernisti huma motivati minn kriżi profonda tal-Jien; u dan għaliex jidher sew illi, mqar jekk l-inġustizzji kellhom jintgħelbu minn rivoluzzjoni (politika, reliġjuża, eċċ.), xorta waħda ser jibqa' l-vojt tal-bniedem ċerebrali li għadu ma laħaqx l-ekwilibriju tiegħu nnifsu fil-kuntest ta' l-ispazji infiniti tar-ruħ li qed tfittex li tgħix għal dejjem. Iżda fejn? Kif? X'sens għandha l-istorja soċjali paragunata ma' l-immensità ta' l-essenzjalità kożmika?

Dawn huma mistoqsijiet li la l-martirju ta' Martin Luther King ma solva u lanqas il-konkwista spazjali ta' Yuri Gagarin.

## IX NEMMEN U NISTAQSI

Jekk hemm devjazzjoni ċerta tal-modernisti min-nixxiegħa tradizzjonali ta' dawk ta' qabilhom, din, bla dubju, tinsab riflessa f'din it-Taqsima tal-ktieb. Aktarx illi r-reliġjon u n-nazzjon huma l-aktar żewġ aspetti fundamentali li dwarhom il-poeti l-ġodda kkonfrontaw ir-retorika ta' l-iskola Dunkarmjana. Ikun nuqqas serju min-naħa tal-qarrej li jaħseb li l-modernisti huma irreliġjużi. Ovvjament mhumiex devozzjonali, fis-sens li fil-poeżija tagħhom m'intix ser tiltaqa' ma' versifikazzjoni dwar San Franġisk jew il-Madonna.[31] Iżda dan ma jfissirx li mhemmx spiritwalità fil-poeżija l-ġdida.

Qabel xejn wieħed irid jifhem illi l-istess reazzjoni tal-modernisti kontra l-*istituzzjoni organizzata* tal-"kattoliċiżmu" f'Malta hija fiha nfisha att ta' fidi:

31. Il-poeżija "ta' l-okkażjoni" kienet prevalenti ħafna fl-eżerċizzi tar-romantiċi. Dun Karm, ngħidu aħna, kiteb innijiet lil San Duminku, San Franġisk, San Gejtanu, San Franġisk Saverju, San Ġużepp, Santu Wistin, Santa Rita, San Ġwann Bosco, Santa Tereża, San Mikiel, San Filippu, Santa Monika, Sant'Anjeże, San Ġorġ, San Girgor, Sant'Elena, San Lawrenz u innijiet annwali lil San Pawl bejn l-1915 u l-1936. Fl-1919, meta l-Maltin irvellaw għax ma kellhomx x'jieklu u l-Ingliżi qatlu lid-demostranti, Dun Karm kiteb poeżija waħda biss u ddedikaha mhux lill-martri tas-7 ta' Ġunju, iżda lil San Pawl. Għall-modernisti, din il-mankanza serja "apolitika" kienet fiha nnifisha att "immorali" min-naħa tal-poeta.

il-modernisti qegħdin jiddikjaraw illi jridu alternattiva għall-iskorċa rqiqa li taħtha nħbiet "reliġjon" li mmanifestat ruħha b'ċelebrazzjoni infatwata u ħafna drabi pagana (p.e. in-nar fil-festi u s-sokor quddiem il-vara tal-patrun).

F'dan il-kuntest, il-kummentarju ta' P. Serracino jagħmel din l-osservazzjoni:

> *Ta' din il-preżenza tad-dimensjoni reliġjuża fl-ambjent Malti, id-dagħa huwa sinjal xejn inqas milli meta jingħad ir-Rużarju. U x-xbihat reliġjużi baqgħu fil-poeżija kontemporanja element mill-iktar jolqtok imqar f'uħud li ma jiktbux biex iqanqlu devozzjoni.*

B'din ir-riflessjoni, Serracino Inglott donnu qed jimplika illi: (i) is-sintomi tad-dagħa huma sinjal ta' familjarità żejda, anzi abbużiva tal-Maltin li jipprattikaw għall-konvenjenza iżda mingħajr dinjità, u (ii) minkejja r-reazzjoni tagħhom kontra l-ipokrisija "reliġjuża" Maltija, il-modernisti ma setgħux jeħilsu mill-immaġini reliġjużi li trabbew fihom fi tfulithom u fis-snin ta' l-adolexxenza tagħhom. Irridu niftakru wkoll li l-poeti tas-snin sittin għexu ż-żmien ta' kunflitt tremend bejn il-Knisja u l-Istat, meta l-Knisja Maltija imponiet id-dnub mejjet fuq min jimpenja ruħu favur il-partit politiku li ried idaħħal liġijiet għas-sekularizzazzjoni tal-poplu Malti. Ma setgħux ma ħallewx marki wkoll it-tendenzi puritaniċi reliġjużi li nfiltraw f'moħħ il-poeti tas-sittin li, fil-maġġoranza tagħhom, kienu ġejjin minn familji tal-ħaddiema b'ġenituri illitterati jew semi-illitterati.

Dan kollu wassal għal atteġġjamenti ġodda lejn ir-"reliġjon", tant li l-modernisti, b'modi differenti, inqatgħu mill-kurrent ta' reliġjon manifestattiva u ċelebrattiva biex bdew jippruvaw ifittxu essenza ġdida fit-twemmin tagħhom. Fid-daħla għall-ktieb *Tabernakli* (1979), Oliver Friggieri qabbel lil M. Azzopardi (wieħed mill-esponenti ewlenin ta' din il-ħtieġa għal reviżjoni reliġjuża) mal-poeta Franċiż Guillaume Apollinaire (1880-1918) li wkoll tnissel fih kunflitt dwar il-formola ta' reliġjon kattolika antikwata li imponewlu meta kien żgħir. Friggieri kkwota minn Roger Shattuck biex isaħħaħ it-teżi li poeta bħal Mario Azzopardi jikkorrispondi sewwa ma' poeta kontroversjali bħal Apollinaire.

> *One force remained paradoxically strong for so independent a personality as Apollinaire: the Catholic Church. We know that he was baptized and had a Catholic schooling; later in life he maintained no regular connection with the Church. Yet this early training left its mark on him in two ways: a scornful fascination with the meaning of Catholic dogma, and a recurring feeling for the cadence of the liturgy, especially those of the litany.*

Bħal Apollinaire, Azzopardi u modernisti oħrajn ħolqu stil burlesk dwar il-"kattoliċiżmu Malti", u fl-istess waqt ħolqu rikonoxximent karikaturat u devjanti tas-saħħa ta' l-*establishment* kattoliku fil-pajjiż. U dwar il-poeta modern Malti li ħoloq il-problematika dwar l-ambigwità ta' Alla, nistgħu nerġgħu nikkwotaw:

> *Whatever (the poet's) attitude toward the Christian God, faith in a deity was never entirely absent from his consciousness.*[32]

---

32. Guillaume Apollinaire, *Selected Writings of Guillaume Apollinaire*, R. Shattuck ed., Londra, Harvill Press, 1950.

Jidher illi fit-tradizzjonalisti ftit li xejn kien hemm kriżi reliġjuża. Kollox kien aċċettat bħala *status quo*. Ir-reliġjon kienet monolitika u suprema, użata kemm-il darba biex tintrabat ma' motivi folkloristiċi sabiex jinkiteb l-innu nazzjonali, ibbażat fuq il-knisja "imperjali" (skond Dun Karm), l-għarusa ta' Alla. Min-naħa l-oħra, id-dimistifikazzjoni tal-knisja fil-modernisti wasslet għan-neċessità li Alla jkun rivalutat fl-isfond ta' valuri ġodda u fil-kumpless tal-mixjiet tax-xjenza u tat-teknoloġija. Alla ma baqax esseri determinattiv u assolut li ma tistax tiddjaloga miegħu għaliex jixħtek fin-nirien ta' l-infern. Minflok, il-poeta modern beda jirrivaluta l-idea ta' Alla, imqar jekk ħafna drabi beda jinqabad fi kriżi ta' dubji. Hawn jinsab il-qofol ta' l-attitudni diversa lejn Alla li tintlemaħ minnufih bejn it-tradizzjonalisti u l-moderni. Ta' l-ewwel ma "ssugrawx" jidħlu fi kriżi; għalihom li "tistaqsi" aktar milli suppost kien perikoluż anzi, kien abbuż li jimmerita biss id-dannazzjoni. Il-modernisti ma beżgħux jistqarru dawn id-dubji talkuxjenza u, fl-istil tal-Moviment tal-Konfessjonalisti fl-Amerika, esponew il-mistoqsijiet interjuri tagħhom dwar Alla, dwar il-problema tat-Tjieba u l-Ħażen, dwar l-ambigwità ta' Alla moħbi, sabiex b'hekk jippruvaw jersqu lejn l-interpretazzjoni ġdida tal-moralità Kristoloġika.[33]

L-Istabbiliment m'aċċettax il-pożizzjoni personalizzata tar-reliġjon fil-modernisti u l-poeti l-ġodda ta' spiss ġew ristretti minn ċensura uffiċjali. Daniel Massa, ngħidu aħna, kien akkużat minn kritiċi reazzjonarji bi spirtu anti-reliġjuż meta pprova jressaq il-poeżija tiegħu *Il-Bajja ta' San Tumas* biex tinqara pubblikament fit-Teatru Nazzjonali. Fil-polemika li nqalgħet, Massa fisser il-qagħda tiegħu fid-dawl tal-poeżija ċitata:

> *Il-Bajja turi l-poeta jfittex il-valuri supremi fuq xtajta ffullata b'insara u pagani jiddevertu. Il-kelma "waħdi" li tinsab f'ras kull waħda mill-ħames strofi tisħaq fuq il-firda u d-distanza bejn il-poeta u l-folla...Il-poeta xejn ma jieħu gost b'dak li jara, bir-redikolaġni tal-bniedem modern li donnu "kuntent bil-mirakli" biss. Din il-poeżija tista' tkun ikklassifikata fil-kumpless tal-Poeżija tat-Tiftix.*

Poeti bħal Massa kienu wkoll attakkati sarkastikament u akkużati li qegħdin jedhew jiktbu poeżiji li aktar jixbhu lill-*crossword puzzles* milli 'l-letteratura.[34] L-akkuża li l-poeżija l-ġdida kienet oskura kienet waħda kontinwament rikorrenti u dan il-preġudizzju aktarx li għadu ma sfumax. Imqar meta l-modernisti kitbu dwar suġġetti mill-iktar intimi (bħall-kriżi reliġjuża tagħhom), huma baqgħu jirriflettu intellett kumpless li wiret mill-metafora mnissla fl-inkonxju u dan skond il-psikanaliżi Freudjana.

F'Ottubru tal-1983, f'intervista[35] mal-Professur Ġużè Aquilina, wieħed mill-akkademiċi li l-aktar li pprova jimblokka r-radikaliżmu tal-modernisti mill-Katedra tal-Malti fl-Università, il-Ġiżwita Patri Alfred Darmanin, psikologu,

33. Diversi poeti moderni tnebbħu mit-teoloġija rigoruża u "xjentizzata" ta' Pierre Teilhard de Chardin, Bernard Haring, Andrew Greeley, Eugene Kennedy u oħrajn.
34. Ara, p.e. il-*Malta News*, 10. 3. 1969, jew diversi ħarġiet tal-gazzetta umoristika *Ix-Xewka* tat-tieni nofs tas-snin sittin.
35. *The Sunday Times*, 30. 10. 1983, p. 14.

fisser il-ħtieġa ta' l-analiżi Freudjana fir-rivalutazzjoni ta' Alla. Forsi huwa importanti li hawnhekk nikkwotaw mill-intervista attwali, jekk xejn biex il-qarrej jifhem il-pożizzjoni riġida ta' akkademiċi bħal Aquilina li ma setgħux, jew ma ridux, jifhmu li ħsiebhom ried iċedi għar-rivoluzzjoni kulturali b'valuri ġodda. Siltiet mill-intervista:

M. Don't you think that Freud's anti-religious feelings, like those of Karl Marx, could be partly, if not wholly, influenced by his Jewish background?

T. When Freud, the father and founder of psycho-analysis, writes about religion, he views it as a universal obsessional neurosis of humanity, as a form of sublimation, and God as the projection of unconscious desires. His negative experience as a Jew, considered and treated as inferior before a Catholic majority, could have provoked in him an emotional reaction against the Catholic religion as practised at the time. This could have led him to look for psychological arguments to disprove God's existence...I think we should take Freud more seriously. His criticism of religion ought to make us re-examine our ideas on religion and our notions and images of God. Such serious reflection would help us purify our religion from an infantile type of religiosity to a more adult, mature faith. Freud does not speak about God, but about the god which we have made, and maybe that type of god does not exist.

Ir-riflessjoni tal-Ġiżwita Patri Alfred Darmanin, li ddikjara ruħu bħala "personalità Freudjana" fis-sens tal-kumplessità u l-profondità tal-bniedem, hija ta' importanza kbira biex wieħed jifhem l-attitudni li ħadu ċerti poeti moderni fil-konfront ta' l-"alla" li ħolqu l-Maltin li jħassru l-immaġini infantili u falsifikata ta' "alla" pre-fabbrikat għall-kumdità parrokkjalista tal-Maltin reazzjonarji u bigotti.

Il-fidi li jridu jnisslu fihom il-modernisti hija dik li titnebbaħ minn awturi kristjani bħal Pascal ("Alla jrid li jċaqlaq ir-rieda tal-bnedmin mhux il-moħħ"). Blaise Pascal (1623–62), filosfu reliġjuż, xjenzat u matematiku, kien avvanza l-idea tal-"karità kristjana" li titlob umiltà mhux it-ton moraleġġanti. Ċertament, il-modernisti li nisslu l-poetika l-ġdida dan l-ingredjent *umli* ma sabuhx b'nemes fl-organizzazzjoni reliġjuża Maltija.

## X EPILOGU: MILL-ĦAJJA GĦALL-ARTI

Il-modernisti ma ddakkrux biss minn influssi letterarji anglo-amerikani jew kontinentali. Bħala prodotti ta' l-epoka li ħolqot l-estetika pluralistika permezz tat-teatru sperimentali, iċ-ċinema, it-televiżjoni, l-arti plastika astratta u ħjiel ieħor ta' arti awdjo-viżiva, il-modernisti Maltin nisslu xbihat mill-medja kollha tal-kommunikattiva artistika. Il-kross-riferenzi tagħhom għal xogħlijiet pluralistiċi ta' l-estetika huma diversi. Hawnhekk hawn devjazzjonijiet importanti oħra x'wieħed jinnota fil-poeti tas-sittin: filwaqt li ta' qabilhom aktarx li tnebbhu minn materji strettament letterarji, il-modernisti okkupaw ruħhom b'kull for-

ma ta' arti oħra li setgħet tagħtihom palata biex iwasslu l-messaġġ tagħhom.[36]

Aktarx li minn hawn ukoll ġejja l-ossessjoni ta' wħud minnhom bil-*poesie concrete* (bl-Ingliż, *pattern* jew *concrete poetry).* Fl-għarfien tagħhom ta' forom oħra ta' arti, il-modernisti ddikjaraw li jaqblu essenzjalment mal-manifest importanti li Charles Olson kien ħareġ fl-1950, fejn seddaq il-ħtieġa tal-*kinetika* (moviment) fil-poeżija. Kien Olson ukoll li nsista li l-poeta għandu jkun il-"kunduttur ta' enerġija li tgħaddi bejnu u bejn il-qarrej".

Fil-qofol tagħha, l-arti hija kwalità fittizja: l-artist jipprova joħloq illużjoni biex jirreġistra emozzjoni jew esperjenza partikulari. Id-differenza bejn it-tradizzjonalisti u l-modernisti tinsab fil-fatt li ta' l-ewwel ittrattaw l-opra tagħhom mill-aspett ta' regoli pjuttost akkademiċi, filwaqt li l-modernisti riedu jinżlu huma nnifishom fl-arena ta' l-esperjenza biex joħolqu arti awtentika. Assorbew kull ma sabu: kriżijiet, kunflitti, dubji reliġjużi, korruzzjoni, mankamenti u wkoll, l-arti ta' ħaddieħor. Minn dawn is-sintomi kollha politiko-estetiċi ħolqu spiritwalità partikulari tagħhom li tieħu bixriet differenti. L-"innu" tagħhom ma baqax l-innu epiku jew l-innu tal-patrija romantika, iżda sar fih innifsu *l-innu ta' l-estetika.*[37] L-arti nkorporat ruħha f'kull aspett. F'poeta bħal Sciberras hija sensorja u apostrofika: *Diane! Diane!* tixhed senswalità u mużikalità mnebbhin mill-*femina eterna*, l-idealizzazzjoni tal-Mara-Anima skond Jung (innota li "Diane" hija passiva, sewwasew għaliex ix-xbieha tagħha mhix waħda reali iżda pitturata). Fuq stil differenti li jfakkar fil-poeta li l-estetika tiegħu mhix milqugħa, *chants sans paroles* tevoka mill-ġdid is-senswalità (metafora għall-arti nnifisha)u tissabbar bl-opra artistika ta' żewġ artisti oħra: Fragonard (1714-1806), artist frivolu u spontaneju li miet bil-ġuħ u Gluck (1714-1787), kompożitur operistiku meqjus bħala figura erojka u innovattiva f'dal-qasam ta' l-arti. Fil-konfront tad-delużjoni estetika-femminili, il-poeta jaqa' fl-għammieq tar-riflessjoni dwar l-assenza-preżenza tat-tfajla li tnissel il-poeżija ta' xewqat:

*imma fommi ntebaq lazzru*
*f'meditazzjoni mingħajr kelma*

36. Il-modernisti, fl-ossessjoni tagħhom biex jinkorporaw b'enerġija kull mument ta' l-eżistenza estetika, ta' spiss okkupaw ruħhom, kif rajna, b'forom oħra artistiċi, inkluż it-teatru, li fih innifsu jista' jagħti indikazzjoni għaliex hemm daqstant ġesti "ritwalistiċi" (imqar jekk konfużi jew primittivi) fil-poeżija l-ġdida. Poeti oħra Maltin kitbu bl-Ingliż u ċertament il-poeżija protestarja jew surrealista ta' wħud bħal Kenneth Wain u Lillian Sciberras setgħu sabu posthom faċilment fi traduzzjoni għal din l-antoloġija.

37. L-estetika moderna evokat imqar ir-redikolu b'ċerta ardità u b'ċerta guffaġni; l-iskop kien li l-verità hija aktar essenzjali mil-limaturi tekniċi. Serracino Inglott iqis li fil-bidu tal-karriera tagħhom, poeti bħal Azzopardi u Marshall setgħu ħallew impatt iktar qawwi kieku wrew dispożizzjoni aktar metikoluża dwar ix-xogħol tagħhom. Fl-istess waqt, Serracino Inglott jara li poeti bħal dawn setgħu kienu qegħdin jimxu mal-kredu tal-*Beat Generation* fl-Amerika. Fi kliem Gregory Corso, l-importanti kien li tikteb "from the top of your head". Corso kkonkluda hekk: "I write from the top of my head and to write so means to write honestly, but it also means to write clumsily; but I decided to heck it so long as it allows me to speak the truth." Fi programm letterarju fuq Xandir Malta (1980) Azzopardi stqarr li kien jikteb direttament bit-tajprajter, u li x-xogħlijiet tiegħu tal-bidu qatt ma ried jirrevedihom għax kien jibża' li jtellfilhom mill-*mument* tal-ġenesi tagħhom.

*imma xufftejja bbiesu żonqor*
*mal-bdil ta' l-istaġuni*

F'xi ħadd bħal Marshall, poeta li, skond il-kritiku P. Serracino Inglott, kapaċi jagħmel *strip-tease* tar-ruħ (fuq l-istil tal-Konfessjonalisti Amerikani) u wkoll ikellem lill-qarrej b'ton "ipokritu" klawnesk, jieħu pożizzjoni oħra. B'ton ta' tinbix, il-prodott artistiku tiegħu jixtieq (ipokritikament) iżommu sigriet (bejnu u bejn persuna oħra waħda):

*turiha 'l ħadd dil-poeżija*
*maħbuba*
*żommha biss għalik u għalija*[38]

Biex jintlaħaq l-iskop tal-poeżija l-ġdida, il-modernisti ta' sikwit jużaw metafori ossessivi li jorbtuhom fil-veru sens tal-kelma mal-persuna, ma' l-oġġett, jew ma' l-ambjent. It-temi tagħhom huma imprevedibbli (kif jistqarr Carmel Attard f' *Il-Vers li Ġej).* Is-sakra metaforika jleħħinha Achille Mizzi:

*Ġenninni l-bosk ...*
*Ma nistagħġibx jekk naqta' vina u jinżlu*
*Ħodor il-qtar tad-dmija.*

38. B'dan l-istil ta' kitba "puwerili" Marshall kien qed jagħti leħen "lit-tifel etern fil-poeta"; kien qed jissieħeb mal-moviment ta' l-*Arti Naif,* moviment li kien *in voga* fil-pittura fis-snin sittin u sebgħin. In-*Naif* jinkwadra ta' spiss innoċenza qarrieqa; l-artist, konxju li tilef l-innoċenza tiegħu, jipprova jerġa' jiksibha billi jikkrea arti purista li għandha tendenzi kważi esklużivi mqabbdin fin-nostalġija infantili.

MARIO AZZOPARDI author of *Tabernakli* and other books of poetry, teaches Maltese at the New Lyceum (Arts) Msida.